



IL-ĠLIEDA KONTRA L-FAQAR, L-ESKLUŻJONI SOĊJALI U D-DISKRIMINAZZJONI

Permezz tal-appoġġ lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, l-Unjoni Ewropea għandha l-għan li ssaħħaħ l-inklużività u l-koeżjoni tas-soċjetà Ewropea u li tippermetti liċ-ċittadini kollha jgawdu aċċess ugwali għall-opportunitajiet u r-riżorsi.

IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 19, 145 sa 150 u 151 sa 161 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-OBJETTIVI

Il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali hi waħda mill-miri speċifiċi tal-UE u l-Istati Membri tagħha fil-qasam tal-politika soċjali. Skont l-Artikolu 153 tat-TFUE, l-inklużjoni soċjali għandha tintlaħaq biss abbażi tal-kooperazzjoni nonleġiżlattiva – il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (MMK) – filwaqt li l-Artikolu 19 tat-TFUE jippermetti lill-UE tiegħu azzjoni biex tiġġieled lid-diskriminazzjoni kemm billi toffri protezzjoni ġuridika għall-vittmi potenzjali kif ukoll billi tistabbilixxi miżuri ta' inċentiv.

IL-KISBIET

A. Il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali

Bejn l-1975 u l-1994, il-Komunità Ekonomika Ewropea wettqet għadd ta' proġetti u programmi pilota mfassla biex jiġġieldu lill-faqar u l-esklużjoni. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' bażi ġuridika, l-azzjoni Komunitarja f'dan il-qasam ġiet ikkontestata kontinwament.

Din is-sitwazzjoni nbidlet bid-dħul fis-seħħ fl-1999 tat-Trattat ta' Amsterdam, li kellu mnaqqax fih l-eradikazzjoni tal-esklużjoni soċjali bħala objettiv tal-politika soċjali Komunitarja. Kif previst mill-Artikolu 160 tat-TFUE, fl-2000 ġie stabbilit Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex jipromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni.

L-Istrateġija ta' Lisbona, li ġiet varata fl-2000, ħolqot mekkaniżmu ta' monitoraġġ u koordinazzjoni li jikkonsisti fl-iffissar ta' objettivi, il-kejl tal-faqar abbażi ta' ġabra ta' indikaturi u punti ta' riferiment, linji gwida għall-Istati Membri, u pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra l-faqar. Il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (MMK) – proċess volontarju għall-kooperazzjoni politika bbażat fuq il-qbil ta' għanijiet komuni u l-kejl tal-



progress lejn dawn l-għanijiet bl-użu ta' indikaturi komuni – ġie applikat, f'konformità mal-prattika f'oqsma oħra tal-politika soċjali.

FI-2006, ġie stabbilit qafas ta' politika ġdid, il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Inklużjoni Soċjali (MMK soċjali), li għabar u integra tliet MMK separati b'rabta mal-inklużjoni soċjali, is-saħħa u l-kura fit-tul, u l-pensjonijiet. L-oġettivi komprensivi tal-MMK soċjali jinkludu: il-koeżjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd permezz ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali effiċjenti; l-interazzjoni effettiva u reċiproka bejn l-oġettivi ta' Lisbona ta' tkabbir, impjiegi u koeżjoni soċjali; governanza tajba; u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati.

Bir-[rakkomandazzjoni](#) tagħha dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol ta' Ottubru 2008, il-Kummissjoni aġġornat [ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE](#) u ddikjarat li "l-Istati Membri għandhom jiddisinjaw u jimplementaw strateġija komprensiva integrata għall-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol flimkien ma' għajnuna fid-dħul adegwata, swieq tax-xogħol inklużivi u aċċess għal servizzi ta' kwalità".

Waħda mill-innovazzjonijiet maġġuri li għabet l-istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv adottata fl-2010 kienet mira komuni ġdida fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali: li l-għadd ta' Ewropej li jgħixu taħt il-livell tal-faqar nazzjonali jitnaqqas b'25 %, u li aktar minn 20 miljun ruħ jintrefgħu mill-faqar. L-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar u esklużjoni żdied bejn l-2009 u l-2012, iżda mbagħad beda jonqos. Iċ-ċifra tal-2018 turi tnaqqis ta' 8,2 miljun meta mqabbel mal-linja bażi tal-2008 (Eurostat).

Sabiex jintlaħaq dan l-oġettiv, f'Diċembru 2010 il-Kummissjoni varat il-pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, flimkien ma' lista ta' inizjattivi ewlenin, b'halma huma l-valutazzjoni ta' strateġiji ta' inklużjoni attiva fil-livell nazzjonali u l-[White Paper tagħha dwar il-Pensjonijiet \(COM\(2010\) 0055\)](#). Mill-2011 'il hawn, Konvenzjoni Annwali tal-pjattaforma għabet flimkien lil dawk li jfasslu l-politiki, il-partijiet ikkonċernati ewlenin u lil nies li esperjenzaw il-faqar.

Iffaċċjata b'għadd dejjem akbar ta' nies fl-Ewropa li jinsabu fir-riskju tal-faqar minħabba l-kriżi, il-Kummissjoni adottat żewġ inizjattivi oħra fl-2013.

Fil-Komunikazzjoni tagħha "Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni — Pakkett ta' Investiment Soċjali" ta' Frar 2013, il-Kummissjoni tneġġegħ lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-investiment soċjali fin-nies bil-għan li jsir investiment fit-tfal ħalli jinkiser iċ-ċirku tal-iżvantaġġ.

Barra minn hekk, f'Ottubru 2013, il-Kummissjoni ressqet [proposta](#) għat-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-governanza tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, li kienet twieġeb għall-istedina tal-Kunsill Ewropew. Komponent ewlieni hija t-tabella ta' valutazzjoni soċjali, li hija għodda analitika biex jinstabu l-iżviluppi fl-UE kollha li jkunu jeħtieġu monitoraġġ aktar mill-qrib. Hija ffurmata minn tliet indikaturi ewlenin: il-qgħad; il-qgħad fost iż-żgħażaġh u r-rata ta' żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET); l-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi; ir-rata ta' dawk li jinsabu fir-riskju tal-faqar; u l-inugwaljanzi tal-introjtu. Mill-eżerċizzju tas-Semestru Ewropew tal-2014 'il hawn, it-tabella ta' valutazzjoni ġiet inkluża fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jispjega prijoritajiet ta' politiki strateġiċi. Barra minn



hekk, fl-2015 tliet indikaturi tal-impjieg (ir-rata tal-attività, ir-rata tal-qgħad fit-tul u r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ) ġew miżjuda mar-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, għad li ma skattaw l-ebda pass ulterjuri, peress li l-Kummissjoni ma tqisx li dawn ma jimplikaw fihom infushom aggravazzjoni tar-riskji makrofinanzjarji. Il-Parlament Ewropew, f'għadd ta' riżoluzzjonijiet, appella għall-inklużjoni ta' indikaturi addizzjonali, bħalma huma l-livelli tal-faqar u l-kondizzjoni ta' persuna mingħajr dar fost it-tfal (ara r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-11 ta' Marzu 2015 u tal-25 ta' Novembru 2014).

F'April 2017, bil-għan li tiġi appoġġata l-konverġenza lejn kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol aħjar fi swieq tax-xogħol dejjem aktar flessibbli, il-Kummissjoni ppreżentat il-[Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali](#). F'Novembru 2017, it-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE esprimew l-impenn tagħhom lejn il-Pilastru fi proklamazzjoni konġunta. Il-Pilastru jistabbilixxi l-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali bħala waħda mit-tliet oqsma ewlenin ([2.3.1](#) Il-politika soċjali u tal-impjieg: il-prinċipji ġenerali).

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ntuża għat-tnedija ta' sensiela ta' inizjattivi leġiżlattivi u politiċi, bħad-[Direttiva \(UE\) 2019/1152](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli u l-pakkett dwar il-ġustizzja soċjali, li jinkludi r-[Regolament \(UE\) 2019/1149](#) li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol u r-[Rakkomandazzjoni tal-Kunsill](#) tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.

B. Il-leġiżlazzjoni ta' kontra d-diskriminazzjoni

Is-sena 1997 tista' titqies bħala punt ta' żvolta, peress li kien iddaħħal artikolu ġdid – l-Artikolu 13 (issa l-Artikolu 19 tat-TFEU) – fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE), li jagħti s-setgħa lill-Kunsill li jieħu azzjoni biex jittratta d-diskriminazzjoni bbażata fuq firxa sħiħa ta' raġunijiet ġodda, inklużi l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-età, id-diżabilità u l-orjentazzjoni sesswali. Fl-2003 dan l-artikolu ġie modifikat bit-Trattat ta' Nizza biex tkun tista' ssir l-adozzjoni ta' miżuri ta' inċentiv.

Sussegwentement, ġew adottati għadd ta' direttivi:

- id-[Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali](#) (2000/43/KE),
- id-[Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg](#) (2000/78/KE),
- id-[Direttiva dwar it-Trattament](#) Indaq (2006/54/KE), li integrat flimkien għadd ta' direttivi preċedenti dedikati għall-opportunitajiet indaq għall-irġiel u għan-nisa.

Analiżi komparattiva tal-liġi dwar in-nondiskriminazzjoni fl-Ewropa (2017) tissottolinja li tali direttivi saħnew b'mod tremend il-ħarsien ġuridiku kontra d-diskriminazzjoni madwar l-Ewropa kollha, minkejja lakuni minuri fit-traspożizzjoni f'għadd żgħir ta' Stati Membri.

Żewġ proposti oħra tal-Kummissjoni għal direttiva li jsaħħu l-ugwaljanza ma rnexxielhomx jilħqu konsensus fil-Kunsill: id-Direttiva dwar il-bilanċ bejn is-sessi fil-bordijiet tal-kumpaniji (2012) u d-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni barra mill-kamp tal-impjieg (id-direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni) proposti fl-2008. Direttiva dwar il-leave tal-maternità, (2008, li temenda Direttiva tal-1992) u appoġġata mill-Parlament, ġiet irtirata f'Lulju 2015 wara li kienet ilha snin twal imblukkata fil-Kunsill. Minflok, f'Ġunju 2019 ġiet adottata id-[Direttiva](#)



[\(UE\) 2019/1158](#) dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw bħala wieħed mir-riżultati tanġibbli tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([2.3.1](#) Il-politika soċjali u tal-impjieg: il-prinċipji ġenerali). Din id-direttiva tiegħu perspettiva usa' dwar il-qsim tar-responsabilitajiet ta' kura bejn in-nisa u l-irġiel.

C. Finanzjament mill-UE

L-istrument prinċipali ta' finanzjament huwa l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), li jqiegħed il-finanzjament tal-UE disponibbli għall-kofinanzjament ta' azzjonijiet li jkollhom l-għan li jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jgħinu lill-persuni l-aktar żvantaġġati biex ikollhom aċċess għas-suq tax-xogħol ([2.3.2](#) Fond Soċjali Ewropew).

Il-programm għall-Impjieg u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) huwa ġestit direttament mill-Kummissjoni Ewropea. Dan jappoġġa, inter alia, il-modernizzazzjoni tal-politiki soċjali u tal-impjieg. Huwa jipprovdni finanzjament fil-livell tal-UE bil-għan li jigarantixxi protezzjoni soċjali adegwata u deċenti, jipromwovi impjieg ta' kwalità għolja u sostenibbli, u jiġġield id-diskriminazzjoni, l-esklużjoni soċjali u l-faqar. Wieħed mit-tliet assi tiegħu, l-assi tal-Progress, jipprovdni appoġġ finanzjarju biex jiġu ttestjati l-innovazzjonijiet tal-politika soċjali u tas-suq tax-xogħol, kif ukoll għall-organizzazzjonijiet biex tgħinhom iżidu l-kapaċità tagħhom f'ħalli jżviluppaw u jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-istrumenti u l-politiki tal-UE.

F'Marzu 2014 il-Parlament u l-Kunsill adottaw ir-[Regolament \(UE\) Nru 223/2014](#) dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD). Il-fond jappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jagħtu għajnuna materjali, flimkien ma' miżuri ta' inklużjoni soċjali, lil dawk li l-aktar jinsabu fil-bżonn.

F'Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal FSE+ (2021-2027), b'finanzjament ta' EUR 101,2 biljun. Il-FSE+ se jgħaqqad il-FSE, il-FEAD, l-EaSI, l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġġ (YEI) u l-programm dwar is-Saħħa.

D. Strateġiji tal-UE għal gruppi speċifiċi

F'Novembru 2010 il-Kummissjoni adottat [Strateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020 \(COM\(2010\)0636\)](#), li tibni fuq il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilità 2004-2010 u li twassal għal proġett pilota għal Karta Ewropea tad-Diżabilità u miżuri leġiżlattivi bħalma huma l-Att dwar l-Aċċessibilità għall-Web (id-[Direttiva \(UE\) 2016/2102](#)) u l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità (id-[Direttiva \(UE\) 2019/882](#)) Fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi, programm ġdid, [Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019](#), ikompli minn fejn ħalliet l-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel 2010-2015, tal-Kummissjoni, li tiddefinixxi l-prijoritajiet ewlenin. Fid-dawl ta' għadd kbir ta' żgħażaġġ bla xogħol, fl-2012 il-Kummissjoni pproponiet Pakket għall-Impjieg taż-Żgħażaġġ segwit minn Garanzija għaż-Żgħażaġġ fl-2013. Barra minn hekk, fi Frar 2016 il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda, kif propost mill-Kummissjoni. F'Diċembru 2016 il-Kummissjoni varat ukoll il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex jinħolqu opportunitajiet ġodda għaż-żgħażaġġ ([2.3.3](#) Il-politika dwar l-impjieg).



IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

It-Trattat ta' Lisbona (l-Artikolu 19(1) tat-TFUE) ta s-setgħa ta' approvazzjoni lill-Parlament b'rabta mal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nondiskriminatorja. Il-Parlament kien attur attiv fid-dibattitu li wassal għall-inklużjoni ta' dan l-Artikolu u ta' spiss stieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tad-direttivi rilevanti. Fir-[riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2018](#) dwar il-protezzjoni u n-nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-minoranzi fl-Istati Membri tal-UE, il-Parlament esprima d-dispjaċir tiegħu għan-nuqqas ta' progress fir-rigward tad-direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni u talab lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iniedu mill-ġdid in-negozjati. Huwa tenna dawn it-talbiet f'riżoluzzjonijiet f'Marzu 2018 u f'Jannar u Frar 2019, u organizza dibattitu plenarju dwar is-suġġett f'Ottubru 2019. Il-Parlament saħaq fuq il-ħtieġa li jiġu miġġielda l-inugwaljanzi bħala xprun għall-ħolqien tal-impjeg u t-tkabbir, u talab biex issir integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-baġits u fit-tfassil tal-politika u biex meta tkun qed tiġi stabbilita xi politika ġdida jsiru l-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sessi. Ir-riżoluzzjonijiet esprimew ukoll tħassib dwar id-dimensjoni tal-ġeneri fil-faqar u d-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi (eż. [ir-riżoluzzjonijiet tal-14 ta' Ġunju](#) u [tas-16 ta' Novembru 2017](#)). Ir-Riżoluzzjoni tiegħu [tas-17 ta' April 2018](#) tiffoka fuq it-tiżni tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet permezz tas-settur diġitali).

Il-Parlament ripetutament adotta riżoluzzjonijiet bil-għan li jsaħħaħ l-azzjoni tal-UE maħsuba biex ittejjeb il-kundizzjonijiet u l-prospetti ta' dawk li huma soċjalment żvantaġġati u tnaqqas il-faqar (eż. [ir-riżoluzzjoni tal-14 ta' Marzu 2018](#) dwar l-impjegi u l-aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir).

Fir-riżoluzzjoni tiegħu adottata fid-[19 ta' Jannar 2017](#) dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Parlament ippropona għadd ta' inizjattivi favur it-tiżni tad-dimensjoni soċjali, bħal:

- direttiva qafas dwar kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fil-forom kollha ta' impjeg,
- koordinazzjoni u valutazzjoni komparattiva kwalitattiva fil-livell Ewropew fuq il-pagi minimi nazzjonali,
- skemi ta' dħul minimu nazzjonali (ara wkoll ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2010),
- Garanzija għat-Tfal,
- tlestija obligatorja tal-edukazzjoni sekondarja,
- ibbilanċjar mill-ġdid tal-governanza ekonomika Ewropea permezz ta' miri soċjali aktar b'saħħithom.

Il-Kummissjoni bħalissa qed teżamina l-fattibilità ta' azzjoni dwar il-Garanzija għat-Tfal. Il-Kummissjoni l-ġdida, immexxija minn Ursula von der Leyen, esprimiet l-intenzjoni tagħha li tipproponi Garanzija għat-Tfal, kif ukoll għadd ta' miżuri oħra bħal pjan ta' azzjoni biex jiġu implimentati bis-sħiħ il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, strument legali dwar paga ġusta għall-ħaddiema kollha, Skema Ewropea ta' Riassigurazzjoni tal-Benefiċċji tal-Qgħad u leġiżlazzjoni ġdida kontra d-diskriminazzjoni, inkluża Strateġija ġdida għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.



Aoife Kennedy
11/2019

